MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Numru 87/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANZJAN PIERRE MICALLEF-GRIMAUD**
**SPETTUR ALFRED MALLIA**

**VS**

**MOHAMMED ALHADI ALZANBUZI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mohammed Alhadi Alzanbuzi, ta' 32 sena, bin Alhadi u Amin.01a, imwieled Tripoli, Libya, nhar it-18 ta' Awissu, 1973, ta' nazzjonlita' libjana, detentur tal-passaport li jgib in-numru 853916, u residenti fuq skuna sorguta fil-Marsa;

Akkuzat talli gewwa l-Marsa, nhar is-26 ta' Jannar, 2006, ghall-habta tad-9.30pm, minghajr il-hsieb li joqtol jew li

jqiegħed il-ħajja ta' Elo Ayech Chaabni, ta' nazzjonalita' tunezina, f'periklu car hebb għall-istess Chaabni bi strument li jaqta' jew iniggez u kkagunalu feriti ta' natura gravi skond ma ccertifika Dr Fernando Pisani MD (Med Reg 2763), tal-Isptar San Luqa;

U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess tieghu, arma, cioe' sikkina li taqta' u bil-ponta, u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li ghamel delitt kontra persuna u cioe' kontra Al Ayech Chaabni, kellu fuq il-persna tieghu, arma regolari, sikkina, u dan bi ksur tal-Artikolu 26 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

U fl-ahharnett talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded lil El Ayech Chaabni, jew jekk ikun ipprovoka, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Wara li rat l-Artikoli 214, 216, u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
L-Artikolu 3, u l-Artikolu 26 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Wara li rat id-dokumenti esebiti.

Din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Mohamed Alhadi Alzanbuzi hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u ghaldaqsant qiegheda tikkundannah ghal perjdou ta' prigunerija ta' sentejn (2), sospizi ghal erba' (4) snin, *ai termini* tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------